MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 48/2012

**GO p.l.c. [C-22334]**

**Vs**

**Jacqueline OLIVA [ID. Nru. 308773M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-30 ta' Jannar, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta' hames mija u hamsa u erbghin euro u sittax-il centezmu ta' euro [€545.16c][1] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta attriċi s-somma ta' hames mija hamsa u erbghin ewro u sittax-il ċenteżmu (€545.16) in konnessjoni ma' Bundle 5 Service

[1] Dan l-ammont gie ridott permezz ta' nota ppreżentata fit-30 ta' Ottubru, 2012 (fol. 24) ghall-tlett mija tlueta u erbghin euro u sittax-il ċenteżmu [€343.16c]. Sussegwentement, permezz ta' nota ohra ppreżentata fil-25 ta' Jannar, 2013 (fol. 26) s-socjeta rikorrenti ċediet it-Talba iżda żammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Agreement, li jinkludi servizz telefoniku 21323085 u dak tat-televisjoni 1425073855 (AC40017218 – CN1019093).

Illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez".

Ra n-nota ta' riduzzjoni mressqa mis-socjeta rikorrenti fit-30 ta' Ottubru, 2012 (fol. 24) u li permezz taghha l-ammont originarjament mitlub ta' hames mija u hamsa u erbghin euro u sittax-il centezmu ta' euro [€545.16c] gie ridott ghal ammont ta' tlett mija tlieta u erbghin euro u sittax-il ċenteżmu ta' euro [€343.16c].

Ra n-nota ta' cessjoni tas-socjeta rikorrenti mressqa fil-25 ta' Jannar, 2013 (fol. 26) u li permezz taghha, l-istess socjeta rikorrenti cediet it-Talba ghar-rigward tas-sorte stante li dan thallas fil-mori, izda zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Ra l-verbal tal-20 ta' Marzu, 2013 fejn it-Tribunal halla t-Talba ghas-sentenza ghal-lum;

Ikkunsidra;

It-Tribunal ftit li xejn ghandu xi jghid fuq il-mertu stante li dan gie mhallas fil-mori tal-kawza. Irrizulta pero li l-ispejjez ta' l-istess Talba ma thallsux. Ma ngiebet l-ebda prova da parti ta' l-intimata l-ghala hija ma hallsietx l-ammont minnha dovut meta giet interpellata biex taghmel dan mis-socjeta rikorrenti. Hija hallset l-ammont dovut wara li kienet giet intavolata t-Talba odjerna u ghaldaqstant ghandha thallas l-ispejjez kollha ta' l-istess.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi din it-talba billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-Talba in vista tan-nota ta' cessjoni ppreżentata mis-Socjeta rikorrenti fil-25 ta' Jannar, 2013 jikkundanna lill-intimata

thallas lis-socjeta rikorrenti l-ispejjez kollha ta’ din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------